# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Frar 2001**

**Avviz.  numru 1182/99**

**Numru 35**

**Jane Camilleri**

**vs**

**Godwin Friggieri**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni lill-attrici li gew kagunati f'incident stradali li gara fl-14 ta' Frar 1999 fi Main Street, Mellieha meta l-vettura DBA 579 tat-tip Mitsubishi Lancer misjuqa mill-konvenut baqghet diehla fil-vettura DBC 457 tat-tip Renault misjuqa mill-attrici, ta' liema incident l-konvenut huwa unikament responsabbli minhabba imperizja, traskuragni, u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes u bl-imghax inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju 1999. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Id-danni kagunati ma jissuperawx it-tlett mitt lira Maltin.

Wara li semghet ix-xhieda tal-istess attrici (a fol 25 tal-atti) u rat id-dokumenti esebiti mill-istess attrici a fol 27, 28 u 29 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet, ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-31 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm256.90,0 bl-imghax legali mis-26 ta' Lulju 1999 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Lulju 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg